MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 261/2011

**Anthony Deguara**
**ID-221340-(M)**

**vs**

**Hasan Jouini**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u tmienja u ghoxrin ewro (€1,028.00) rapprezentanti hlas ta' konsum ta' dawl u ilma ghal tul il-perjodu li l-konvenut dam joqghod fil-proprjeta' li kien kera minghand l-esponenti, liema ammont il-konvenut baqa' ma hallasx ghalkemm debitament interpellat anke b'ittra ufficjali.
Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 4742/10 ta' l-14 ta' Dicembru, 2010, u bl-imghax kontra l-istess konvenut, li beda jiddekorri mid-data ta' l-ittra ufficjali appena msemmija.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi l-esponenti qatt ma rcieva kontijiet tal-ilma u dawl la minghand l-attur u anqas mill-Korporazzjoni;  illi talab lill-attur u l-konsulent legali tieghu biex jipprovdilu l-kontijiet u xorta ma baghtuhomx;  illi hallas il-kontijiet kollha tad-dawl u l-ilma taz-zmien li kien joqghod fil-flat tal-attur;  illi kien assigurat mill-attur li ma hemmx izjed kontijiet x'jithallsu. Ghalhekk it-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu, inkluz tar-risposta ghall-ittra ufficjali 4742/10.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ikkunsidra,

Illi l-attur iddikjara illi hu kien jikri appartament lill-konvenut, u cioe' l-Flat B, Edmar Flats, Triq l-Gholjiet, Mellieha, u dan ghal perjodu ta' madwar hdax-(11)-il sena, sat-30 ta' Novembru, 2009.  Illi l-azzjoni proposta mill-attur tittratta dwar kontijiet relattivi ghas-servizz ta' dawl u ilma gravanti l-appartament in kwistjoni.  Il-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens illi l-kontijiet ghal tali servizzi kellhom jithallsu mill-konvenut, u ghalkemm is-servizz baqa' rregistrat f'isem l-attur u l-kontijiet kien jircevihom hu, kien jghaddihom minnufih lill-konvenut, li kien jghix tahtu.

Illi dwar l-ammont dovut mill-konvenut, li l-attur iddikjara li jammonta ghal elf u tmienja u ghoxrin ewro (€1,028.00), u li jikkonsisti in kwantu ghal tliet mija u sitta u sittin ewro u erbgha u tletin centezmu tal-ewro (€366.34c) ammont *pro rata* ghall-perjodu bejn l-10 ta' Lulju, 2009 sat-30 ta' Novembru, 2009, u dan kif rizultanti mill-kont li jkopri l-perjodu bejn l-10 ta' Lulju, 2009 sal-21 ta' Jannar, 2009, u in kwantu ghal sitt mija u tlieta u sittin ewro u tnejn u sebghin centezmu tal-ewro (€663.72c)  arretrati li jipprecedu dawn id-dati.

Illi l-konvenut iddikjara in subizzjoni illi jaf li l-ammont ta' madwar tliet mija u hamsin ewro (€350) huwa dovut minnu, in kwantu huwa l-ahhar kont li jkopri l-perjodu ta'

ftit xhur qabel ma telaq mill-appartament. Iddikjara illi hu kien talab lill-attur sabiex jittrasferixxi s-servizz relattiv ghad-dawl u l-ilma ghal fuqu, izda l-attur ma kienx accetta. Iddikjara wkoll illi kien ikun hu li jitlob lill-attur jaghtih il-kont tad-dawl u l-ilma, u dan meta kien jisma lin-nies jghidu li kien wasal il-kont relattiv. Qal illi meta kien iwettaq il-hlas tal-kont, billi jmur ihallas hu personalment Hal Luqa, kien imbaghad juri lill-attur ir-ricevuta relattiva.

Illi r-rapprezentant tal-ARMS Limited ipprezentat rendikont relattiv ghas-servizz u l-konsum ta' dawl u ilma fl-appartament mikri lill-konvenut. Illi minn tali rendikont jidher illi f'Novembru, 2009 kien hemm bilanc dovut fl-ammont ta' seba' mija u tlettax-il ewro u tnejn u sebghin centezmu tal-ewro (€713.72c) , li minnhom l-attur iddikjara li l-konvenut hallas hamsin ewro (€50.00).

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob illi l-konvenut jigi ordnat illi jhallas is-somma ta' elf tmienja u ghoxrin ewro (€1,028.00) liema ammont jirraprezenta bilanc ghal konsum ta' dawl u ilma fl-appartament li kien mikri lill-konvenut ghal hdax-(11)-il sena sa Novembru, 2009. Illi l-konvenut irrikonoxxa illi l-ahhar kont ma kienx hallsu, u dan minhabba l-fatt illi tali kont hareg f'Marzu, 2010, u ghalhekk xi xhur wara li kien telaq mill-appartament tal-attur. Illi l-kont relattiv kien ikopri l-perjodu bejn Lulju, 2009 sa Jannar, 2010, u ghalhekk ma kienx dovut fl-intier tieghu mill-konvenut. Illi filwaqt illi l-konvenut iddikjara illi mill-ammont totali kienet dovuta minnu s-somma ta' tliet mija u hamsin ewro (€350.00), l-attur – bl-assistenza ta' ufficjali fi hdan il-Water Services Corporation u ARMS – wasal ghal ammont aktar preciz, u cioe' l-ammont ta' tliet mija sitta u sittin ewro u erbgha u tletin centezmu tal-ewro (€366.43c). Illi ghalhekk dan l-ammont huwa *ex admissis* dovut.

Illi f'dak li jirrigwarda l-bilanc, u cioe' l-ammont ta' sitt mija tlieta u sittin ewro u tnejn u sebghin centezmu tal-ewro (€663.72c), tali ammont jirrizulta minn rendikont ipprezentat mill-attur kif ukoll minn rapprezentant ta'

ARMS Limited. Illi minn tali rendikont jidher illi dan l-ammont akkumula fuq medda ta' zmien, u aktar precizament bejn l-2007 u l-2009. Illi mhux ikkontestat mill-konvenut illi f'dan iz-zmien l-appartament li ghalih huwa relattiv is-servizz, kien okkupat minnu, u dan tenut kont tal-fatt illi l-istess konvenut ma cahadx illi dam jikri l-appartament tal-attur ghal hdax-(11)-il sena sa Novembru, 2009. Illi ghalkemm jidher illi f'dan il-perjodu kien qed jigu mwettqa xi hlasijiet, madanakollu, beda jakkumula bilanc. Illi effettivament dan il-bilanc kien jammonta ghal seba' mija u tlettax-il ewro u tnejn u sebghin centezmu tal-ewro (€713.72c), li l-attur iddikjara li minnhom thallsu hamsin ewro (€50.00), u ghalhekk il-bilanc li kien ghadu dovut kien jammonta ghal sitt mija tlieta u sittin ewro u tnejn u sebghin centezmu tal-ewro (€663.72c).

Illi fl-assenza ta' provi da parti tal-konvenut illi dan l-ammont thallas minnu, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jakkolji t-talba tal-attur, peress li din tidher li hija gustifikata.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba tal-attur, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf tmienja u ghoxrin ewro (€1,028.00), bl-imghax mid-data tan-notifika lill-konvenut bl-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez ta' din il-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------